QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.

Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002

Numru 40

Citaz. Nru. 967/95 FDP

Rita Schembri bhala President u Victor Bonavia bhala Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' Farmers Wine Co-Operative Society Limited

Vs

Charles Galea ghan-nom tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited u din bhala mandatarja ta' Andrew Wallace f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta estera assiguratrici Crowe Motor Policies at Lloyds, b'digriet tat-8 ta' Awissu 1995 konfermat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Wolfgang Muller; u

B'digriet tat-12 ta' April 1996 gie kjamat fil-kawza Robert Pace Bardon.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-13 ta' Novembru 1993 ghall-habta ta' l-10:30 a.m. f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar, waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru ta' registrazzjoni X-2319 habat gol-vettura numru ta' registrazzjoni V-6509 proprjeta` ta' l-atturi *nomine* u misjuqa minn Anthony Gauci;

Premess illi dan l-incident gara b'tort uniku tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Premess illi minhabba dan l-incident l-attur sofra danni;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi Wolfgang Muller kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fit-13 ta' Awissu 1993 ghall-habta tal-10:30 a.m. f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar, waqt li kien qed isuq vettura numru X-2319 u habat gol-vettura numru ta' registrazzjoni V-6509 proprjeta` tas-socjeta` actrici misjuqa minn Anthony Gauci;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi *nomine*;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati u d-dokument esebit;

Rat in-nota ta' Charles Galea *nomine* ipprezentata fit-3 ta' Awissu 1995 li permezz taghha huwa assuma l-bandu biex jirrapprezenta lill-assenti Wolfgang Muller;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut *nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur *nomine* billi l-kollizjoni tat-13 ta' Awissu 1993 grat minghajr htija jew nuqqas ta' Wolfgang Muller;

2. Illi skond ma gie riferit lill-eccipjent mis-surveyor tal-kumpanija assiguratrici, id-danni pretizi mill-attur *nomine* huma esagerati;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u li fiha oltre l-esposizzjoni tal-fatti, talab formalment illi jigi msejjah fil-

kawza Robert Pace Bardon li kien qed isuq vettura K-5999; rat ukoll il-lista tax-xhieda indikati mill-istess konvenut Galea;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' April 1996 li permezz tieghu il-Qorti laqghet it-talba ghall-kjamat in kawza ta' Robert Pace Bardon;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza tikkoncerna kollizjoni li grat San Pawl il-Bahar, fil-bidu tieghu fejn hemm zewg pompi tal-petrol, wahda ma' naha u l-ohra man-naha l-ohra tat-triq, u l-attur kien qieghed isuq il-vann min-naha ta' gewwa ta' San Pawl il-Bahar hiereg 'il barra fid-direzzjoni tal-Mosta, u meta qabez Nick's Petrol Service Station u gie biswit il-fetha li minnha l-karozzi gejjin mid-direzzjoni tal-Mosta, jidhlu ghal Bugibba, huwa gie milqut mill-karozza misjuqa minn Muller meta din ostakolatlu t-triq;

Illi dan Wolfgang Muller li huwa ta' nazzjonalita` Tedeska gie rapprezentat f'dawn l-atti mir-rapprezentant tas-socjeta` assiguratrici tal-vettura tieghu u dawn sa mill-bidu nett talbu illi jigi msejjah fil-kawza Robert Pace Bardon, li huma

jikkontendu illi kien responsabbli ghal dak li gara;

Illi f'din il-kawza tnejn mit-tliet sewwieqa nvoluti ma tawx ix-xhieda taghhom; Wolfgang Muller peress li jinsab il-Germanja, waqt li Robert Pace Bardon ipprezenta certifikat illi jindika illi huwa ma setax jaghti x-xhieda tieghu peress li kien qed isofri minn *senile dementia*;

Illi ghalhekk il-Qorti jkollha tati hafna importanza lix-xhieda tas-sewwieq tal-vann li pprezenta affidavit u gie wkoll in segwitu kontro-ezaminat;

Illi tressqu wkoll rapprezentanti tal-pulizija u s-Surgent Simon Gauci kkonferma l-kontenut ta' l-okkorrenza minnu ppreparata pero` ma setax iwaddab wisq dawl fuq dak li kien gara peress li kien ghadda bosta zmien; irid jigi rilevat li d-driver tal-vann qal li huwa ma setax jitkellem mal-Germaniz peress li ma setax jiftiehem mieghu; huwa stqarr ukoll illi lill-pulizija qalilhom kif kien gara l-kaz;

Illi l-kjamat in kawza baqa' kontumaci, b'dana kollu l-Qorti sejra tindaga bir-reqqa kollha l-verzjoni illi wiehed jista' jifhem illi seta' jaghti l-istess kjamat in kawza;

Illi skond ir-rapport tal-pulizija, jidher li l-karozza ta' Muller waqt li kienet qeghda ddur biex tidhol fuq il-lemin taghha ghal go Nick's Service Station ostakolat it-triq tal-vann u baqghet diehla go fih. Jigi rilevat illi r-rapport imbaghad ikompli: "*fl-istess waqt karozza numru X-*

*2319 intlaqtet bir-ritorn minn karozza X-2319* (sic) *stess waqt li habtet mal-vann."* Illi fid-dawl ta' din ix-xhieda il-Qorti ghalhekk sejra tibbaza l-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-isketch innifsu u fuq dak li xehed l-istess sewwieq tal-vann;

Illi dan Anthony Gauci xehed illi: "*kif gejt biswit il-pompa tal-petrol li jisimha Nick's Petrol Service Station, ilmaht karozza tal-kiri illi kienet wieqfa man-naha l-ohra tat-triq, fuq is-side taghha u li kienet qed tistenna li jghaddi t-traffiku mit-triq minn fejn kont ghaddej jien biex imbaghad taqsam ghal go triqti. Kien evidenti li s-sewwieq ta' din il-karozza tal-kiri kien wieqaf u kien qed jistenna li jiena nghaddi u ghalhekk jiena bqajt insuq regolari bi speed ta' 25 mil fis-siegha*"; izda pero` l-kollizjoni grat proprju meta l-vann kien biswit il-karozza ta' Muller wieqfa, u Gauci xehed "*kif wasalt vicin hafna il-karozza tal-kiri, kwazi 3 metri 'l boghod, din il-karozza taret ghal fuqi, laqtet il-vann li kont qed insuq u bid-daqqa l-vann dar ghal fuq gewwa tat-triq*";

Illi l-istess xhud gie wkoll kontro-ezaminat quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn waqt illi qabel mal-posizzjoni tal-vetturi kif deskritti fl-isketch, huwa stqarr illi l-okkorrenza kif tidher fir-rapport "*din ma hijiex l-verzjoni t-tajba; jiena ninsisti illi wara l-vettura tal-kiri ma marritx pulzier lura, anzi baqghet imwahhla fil-vann tieghi, tant hu hekk li lanqas ma stajt nohrog mill-bieba.*"

Illi mir-rikostruzzjoni tad-dinamika ta' kif graw l-affarijiet ibbazata fuq mizurazzjonijiet u l-posizzjonijiet indikati fl-isketch ma huwiex possibbli li l-vettura X-2319 laqtet il-vettura K-5999 meta regghet lura bid-daqqa; dan jidher car peress li l-vettura X-2310 u l-vann baqghu mwahhlin ma' xulxin;

Dwar il-posizzjoni tal-karozza ta' Muller qabel l-incident, l-Assistent Gudizzjarju ghamlitlu domanda espressa u Gauci wiegeb: "*Ghandi nghid li l-karozza tal-kiri kont rajtha qabel ma saret il-habta, anzi ghandi nghid li s-sewwieq kien tant prudenti li taghni c-cans nghaddi*";

Illi dwar il-possibilita` li Muller qabad u qala' f'daqqa wahda, ix-xhud Gauci qal: "*Ghandi nghid li l-velocita` li biha din il-karozza tal-kiri dahlet fuqi kienet velocita` kbira u mhux velocita` ta' karozza li tkun ghadha kemm qed taqla'.*";

Illi oltre dan il-kontro-ezami x-xhud Anthony Gauci fl-affidavit tieghu stqarr: "*Kien evidenti li s-sewwieq ta' din il-karozza tal-kiri kien wieqaf u kien qed jistenna li jiena nghaddi u ghalhekk jiena bqajt insuq regolari bi speed ta' 25 mil. Kif wasalt vicin hafna tal-karozza tal-kiri kwazi 3 metri 'l boghod, din il-karozza taret ghal fuqi*"; illi din ix-xhieda ma thallix dubju li l-konvenut Muller gie imbuttat minn wara b'mod li ostakola t-triq tal-vann, u ma hemmx dubju illi dina c-caqliqa bruska giet kagunata minn daqqa illi l-vettura tieghu qalet minn dik misjuqa mill-kjamat in kawza Robert Pace Bardon li kien ukoll gej mid-direzzjoni tal-Mosta lejn San Pawl il-Bahar;

F'dawn ic-cirkostanzi u l-provi mressqa u senjatament kif irrizulta mill-isketch li spiccaw il-karozzi u l-posizzjoni tad-daqqiet li sofrew, kollha jindikaw illi l-kollizjoni bejn dawn it-tliet karozzi grat unikament tort tal-kjamat in kawza li baqa' diehel fuq wara tal-karozza ta' Muller li kienet wieqfa mgemba biex tidhol fuq il-lemin taghha u din mad-daqqa giet mitfugha 'l quddiem u allura ostakolat f'daqqa il-korsa tal-vann li kien miexi lejn il-Mosta;

Illi dwar l-ammont ta' danni sofferti mill-van tas-socjeta` attrici, gie esebit kont mahrug minn St. Joseph Garage, l-Imgarr li jammonta ghal Lm680; il-Qorti kkonsidrat li din il-vettura, ghalkemm ta' certu toqol, mad-daqqa giet spostata lateralment; dan jindika li kif qal l-istess sewwieq il-vettura ta' Muller harget b'forza qawwija u per konsegwenza il-hsara (li tinkludi Lm72 front axle) taqbel mal-kont ipprezentat.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda billi waqt li tillibera lill-konvenut Wolfgang Muller mill-osservanza tal-gudizzju, tiddikjara li l-kjamat fil-kawza Robert Pace Bardon kien unikament responsabbli ghall-habta li grat fit-13 ta' Awissu 1993 f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar;

Tilqa' it-Tieni Domanda u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi *nomine* bhala rizultanti ta'

l-imsemmija kollizjoni fis-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm680);

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda billi tikkundanna lill-istess Robert Pace Bardon ihallas lill-atturi *nomine* l-imsemmija somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm680);

L-ispejjez jithallsu mill-imsemmi Robert Pace Bardon.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur